

# Il-Pjazza Sant'Elena kif niftakarha jien

Meta diversi xhur ilu rajt il-crane kbir iniżżel dawk it-tnax –il statwa tal-ġebel mikul ta' l-Appostli ta' fuq il-frontispizju u ż-żewġ Evanġelisti, moħħi mar fuq x'kellhom jirrakkontaw dawk l-imberkin statwi, li llum il-Kapitlu ta' Birkirkara qiegħed iżomm fuq il-bejt ta' l-Awla Kapitulari għall-istorja. Dawk l-istatwi kienu jiddominaw fuq pjazza spazjuża, li għandha ħafna tifkiriet, li jixraq li ma jintesewx.

## Il-Pjazza ewlenija ta' Birkirkara

Dari kont tasal għaliha minn trejqa aktarx dejqa wara li tkun ħallejt il-Knisja Filjali ta' Sant'Antnin, kappella li fl-1575 kienet issemmiet mill-Isqof Dużina fil-Vista Pastorali. Meta tibqa' miexi tasal f'wisa' u quddiemek tilmaħ tempju kbir fid-daqs u fl-arkitettura barokka. Dan kien mibni bejn l-1721 u 1745, fil-post fejn qabel kien hemm kappella oħra tal-Madonna Annunzjata, magħrufa "Ta' Xennu". Il-pjazza nfisha kienet il-mekka ta' bosta nies, minn kull naħa ta' Birkirkara u fil-festa tal-Qaddisa titulari, ta' bosta u bosta Maltin u Għawdxin. Iż-żewġ triqat laterali, Triq is-Santwarju u Triq Mike Pulis (li kien residenti Birkirkara) ma' kienux jeżistu. Wara l-knisja parrokkjali, fejn illum hemm iċ-Ċentru Parrokkjali u l-ġnien pubbliku kien hemm barriera b'xi kmamar fiha li kienu abitati mill-familja Schembri, li emigrat lejn l-Awstralja. Minħabba li bosta u bosta parruċċani kienu jiffrekwentaw il-knisja għall-quddies l-aktar fil-Ħdud u Festi, barra l-ġranet ta' matul il-ġimgħa, kienu jsibu kull kumdita'. Barra li jaqdu dmirhom reliġjuż, kienu jsibu dak li jinħtieġu għall-ħajja ta' kuljum.

## Ħwienet

Qabel kollox kien hemm il-ħwienet li kienu jservu t-te` u l-kafe` u xi spirti. Tkun għoddok tfaċċajt mill-bieb tal-knisja minn fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp kont tilmaħ il-ħanut ta' Nazju (illum Alliance Bar) u ieħor magħruf tas-sagristan Neno' Delicata, fejn illum hemm mil-ħanut tal-Golden Harvest. Minflok l-istationery Disneyland kien hemm ieħor, ta' Casha (Ta' l-irbiegħi), u hemm ħanut ieħor immexi minn familja magħrufa bħala "Ta' Luq". Dan jiġi biswit ieħor taċ-Charlie Chaplin. Fil-kantuniera kien hemm ieħor illum magħruf bħala Empress Helena, ta' Anġlu Zammit (imlaqqam iż-Żrinġ) u qabel ma waqqgħu il-kantuniera li tmiss mal-Bank HSBC kien hemm dak magħruf bħala Nurat Cutajar. Kien hemm ukoll il-confectioners li jfornu pasti u ħelu ieħor. Niftakar lil Ċikku tal-Ġobon, imfittex biex iħejji biskuttini, pasti kokotina eċċ għal Magħmudijiet u koltant xi ikla għal wara tieġ. Illum il-ħanut tiegħu dar privata fejn hemm gallerija tal-ġebel tassew artistika. Kien hemm ukoll tnejn oħra qrib xulxin, ta' Fenku (Sammut). Wieħed minnhom kien fejn illum hemm Dolceria Barigozzi u l-ieħor fejn hemm dak li jbiegħ il-qassatat u l-pizza. Aktar 'l isfel kien hemm dak ta' Aquilina, il-Pagun. Niftakar Wenzu Grima il-Ħaċċ li għamel żmien kien isajjar u jforni l-ikel ukoll. Dan kien qabel il-gwerrra; wara kienu fetħu fih waħda mill-Victory Kitchens. Wara l-ħajt tal-Ħaċċ għad hemm mil-loudspeaker, li minn fuqu fi żmien il-gwerra kienu jingħataw l-aħbarijiet. Dawn kienu jkunu kontrollati tajjeb bil-għan li jżommu għoli l-moral tal-poplu fi żmien kritiku ħafna għall-gżejjer tagħna. Elettriku ma kienx hawn. Radios biex tisma' aħbarijiet oħra mhux ċensurati, ma setgħux jitħaddmu. Niftakar każ ta' bniedem inġenjuż li ħaddem

moħħu u permezz ta' batteriji u transformer irnexxielu jħaddem ir-radio li kellu d-dar u seta jisma' trasmissjonijet mill-BBC u mill-Italja. Dik il-ħabta mill-Italja, kienu wkoll jinstemgħu aħbarijiet bil-Malti, jħeġġu l-poplu biex iċedi.

Billi bosta rġiel kienu jkunu okkupati bix-xogħol sa ħinijiet tard fil-jum, il-parrukkiera kienu jaqdu linnies il-Ħdud sa nofs inhar. Niftakar lil Fredu Testa u lil missieru, bil-ħanut tagħhom imiss maz-zuniter biex ma ngħidx biċċa minnu. Misser Fredu kellu ħanut f'kantuniera ma' fuq Imnajjar, illum ħanut talħwejjeġ tal-moda. Fejn illum hemm St. Anne's Pharmacy, niftakar il-ħanut ta' Baldassare Armato li kien siefer l-Awstralja u mar joqgħod Airport West flimkien mal-familja. Kien magħruf bħala it-Taljan, għax de facto missieru kien ta' nisel Taljan. Huma kienu joqgħodu fid-dar faċċata b'gallarija tal-ġebel u li kienet twaqqgħet u mibnija mill-ġdid mill-familja Azzopardi. Baldassere kien bniedem edukat u ta' kultura, b'bosta kliem, kittieb ta' poeżiji ppublikati l-Awstralja f'diversi volumi. Hemm hu għamel fortuna. Lil Sant'Elena kien iħobbha b'imħabbą speċjali. Niftakar ukoll ieħor, ċertu Vanni Portelli, li kien jaħdem ta' parrukkier f'ħanut li ġie mwelli minn ċertu Ġiju (Ewġenju) Borg. Kien hemm parrukkier ieħor imlaqqam il-Banni. Vanni kien il-parti li twaqqgħet meta nfetħet Triq is-Santwarju. Il-ġar tiegħu kien Espeditu Grech (Imlaqqam Patanija) li kien appaltatur tas-siġġijiet tal-knisja. Il-klijenti tal-parrukkiera, kienu jmorru biex jaqtgħu xagħarhom u/jew biex jagħmlu l-leħja. Qatgħa xagħar kienet tiswa żewġ soldi jew anqas minn 1 cent tal-lum.

Fejn illum hemm id-dar b'żewġ kolonni kien hemm l-ispiżerija tas-Sur Karm Alessi. Għandu filgħaxijiet kienu jpoġġu wħud mill-intelliġenti tar-raħal, iqattgħu sigħat sħaħ jiddiskutu. Min kien irid jixtri xi ħwejjeġ kien hemm mil-ħanut ta' Anni Sciberras il-mara ta' Ċensu Durina. Dan kien isuq waħda mill-erba' karozzi lewn aħdar bin-numru 1939, lejn San Ġiljan, meta t-terminus kien fl-istess pjazza. Ċensu kultant kien ikun il-kunduttur. Kien hemm ukoll Ġużeppi Sufinu. Dan kellu dar u fil-bitħa kienet tidher statwa tal-ġebel ta' qaddis dumnikan, aktarx San Vinċens Ferreri. Ġar tiegħu kien joqgħod l-undertaker, Ġanni Gastelli dejjem lest għal min kien jinħtieġ is-servizz tiegħu f'każ ta' funerali. Ġirien oħra kienu joqgħodu l-membri tal-familja numeruża ta' Monsinjur Bonavia. Fejnhom kien hemm familja rifuġjata u wieħed minnhom kien Patri Bernard Farrugia ex-Provinċjal Karmelitan. Faċċata kienet id-dar tal-Kanonku Carmelo Bezzina, qassis ħabrieki li kien jassisti l-moribondi. Miegħu kienet ġiet toqgħod oħtu miżżewġa mal-familja. Kienu joqgħodu l-Isla. Fost uliedhom hemm il-Perit Michael Ellul u l-Kan. Dun Alwiġ Ellul Bezzina. Din kienet is-sitwazzjoni qabel ma twaqqgħu id-djar li jwasslu għall-knisja minn Triq San Rokku.

## Ħwienet oħra

Biċċiera kien hemm ukoll. Barra Ġużepp Dimech ta' Ġioswa, fit-tarf tal-pjazza, tant magħruf għat-tlielaq tal-ħmir, kumparat ma' ta' Bonell (Sliema), kien hemm mil-ħanut tal-laħam ta' Dolor ta' Pulo bil-kaxxa tas-silġ u partitta zalzett u mazzit imdendel fuq il-bank fejn tbiegħ. Skrapan kien hemm ukoll, iżda mhux fil-pjazza. Manwel Palettu, illum irtirat, ilu bosta snin isewwi żraben f'dik id-daqsxejn ta' kamra li fil-preżent qed jistema' fiha daqq tant sabiħ minn Ġużeppi Calleja. F'dak il-post kien joqgħod saċerdot, Dun Alwig Debono(?) Naħseb li ta' min ifakkar lil Fonzu Borg tal-Landier, għax kellu Ironmongery Store li darba kien ħa n-nar u nħaraq. Quddiemu llum hemm San Ġwakkin Press. Niftakar iċ-Ċirklu ta' l-Azzjoni Kattolika, il-fergħa nisa. Iżda snin ilu hemm kien il-Każin Duke of Connaught fi żmien is-Surmast Ċikku l-Mażuk u warajh kien laħaq Piju Ciappara jidderieġi l-banda. Dan sar qabel ma' l-każin ġie trasferit fil-Villa li għandhom illum ġo Triq il-Wied, li kien proprjeta' tal-familja ta' Ernest Borg Grech. Il-Villa "Decelis Souchet" tas-Sinjura Dinda (Ermelina) dejjem iddominat il-pjazza; fiha kienu jiltaqgħu l-ewwel bandisti Karkariżi qabel ma' ġiet iffurmata waħda mill-baned stabbiliti ta' Birkirkara. Issebbaħ ukoll il-pjazza, hemm ir-residenza tal-Kanonku Carmelo Pirotta, dar spazjuża bi tliet sulari; din ġiet mħollija b'testment lill-persuni b'diżabilita' u wara attrezzament meħtieġ dalwaqt tilqa' fiha l-ewwel residenti.

## Aktar tifkiriet

Ta' min ifakkar ukoll l-għajn ta' l-ilma fejn illum hemm mil-lotto office, bini ġdid bi tliet sulari; kif ukoll il-bokka tal-ġiebja kbira bil-ħnejjiet taħt il-pjazza. Permezz tat-tarjola kienu jimlew l-ilma fil-btieħl li jitpoġġew fuq karrettuni apposta miġbuda minn żwiemel. Ir-raġel tal-bexxiexa ibixx l-art ħalli jbatti t-trab li kienet mingħajr asfalt. L-ilma li jinżel fuq il-Bażilika kien isib ruħu fil-ġiebja. Llum, grazzi għat-taħbit ta' dawk inkarigati mill-heritage Route, il-pjazza tal-Bażilika hi pavimentata u mogħtija l-ġmiel li jistħoqqilha.

## Ġrajja

Dak li nkiteb sa issa, donnu hu tipopgrafija tal-pjazza sa mill-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Iżda l-pjazza mingħajr poplu hi deżert avolja llum hi mdawwla minn lampjuni u reflectors kif ukoll b'bozoz fuq arbli tad-dawl mal-ġnub tagħha. Kienet tkun sabiħa wkoll meta fl-imgħoddi, il-faċċata tal-knisja kienet tinxtegħel b'mijiet ta' tazzi kuluriti mixgħula biż-żejt. Kien hemm appaltatur imlaqqam Mazzuni li kellu mijiet ta' tazzi kuluriti, illum miżmuma għall-antikita'. Il-pjazza rat u laqgħet fiha poplu f'bosta ġrajja ta' ferħ u ta' niket. F'Jannar tal-1932, rat it-tlugħ ta' sogru ta' l-itqal qanpiena tal-Gżejjer Maltin. Kellu biċċa responsabbilta' l-imgħallem Lippu l-Lupu, biex fil-pjazza jpoġġi l-apparat biex itella' l-qanpiena. Għadhom jeżistu fotografiji tal-proċess tat-tlugħ. Kull sena fit-18 ta' Awissu fit-8.00 a.m. il-pjazza tkun maħnuqa min-nies li jiġu apposta minn kull rokna ta' Malta u Għawdex biex jaraw il-ħruġ ta' l-istatwa, kapolavur ta' Salvu Psaila, ħierġa fil-proċessjoni qabel il-quddies solenni ta' jum il-festa. Tassew ikun fiha għaxqa d-dehra ta' statwa hekk maestuża bi sfond ta' tempju, kapolavur ta' l-istil barokk. Barra l-perjodu tal-gwerra kien hemm numru ta' snin, meta ħarġet iva l-proċessjoni, iżda mhux bil-preżenza ta' l-istatwa Sant'Elena u l-fratellanzi. Dan minħabba raġunijiet storiko-ġuridiċi, li kitbu paġna ta' swied il-qalb fl-istorja tal-pjazza. Il-ġebel li kellu jintuża biex jiġi attrezzat iz-zuntier, poplu b'qalbu maqsuma u mnikket għall-aħħar, wara aħbar li kienet waslitlu konnessa mal-kawża li kienet qed issir f'Ruma, imbarra għal xi ġranet il-bibien tat-tempju. Ġrajja ta' swied il-qalb għal min kien igħożż il-progress spiritwali tal-parruċċani kollha. X'ferħ iżda rat din il-pjazza meta l-maltemp għadda u mill-ġdid reġgħet ġiet mogħtija s-sura solenni tal-festa titulari (1950). Ittaffiet id-dehra ta' qsim il-qalb, li l-ġurnali ta' dak iż-żmien ma ħatrux li jġibu ritratti ta' dik id-dehra.

Il-ġebel ifakkarni f'ġebel ieħor. Veru li matul il-gwerra quddiem il-bibien ewlenin tat-tempju inbnew ħitan tad-dobblu bi spazju kemm igħaddi bniedem. Dan biex ikun protezzjoni kontra l-isplinters tal-bombi ta' l-għadu wara li tesplodi xi bomba. Il-ġebel ta' dawn il-ħitan intuża fil-bini tal-maħżen store fejn jinżamm l-armar ta' barra tal-festa, fi Triq Sant'Elena. B'xorti tassew tajba, fil-gwerra, dan it-tempju ħelisha meta f'Lulju 1942, time bomb ġiet miħxuta fil-lejl u wara li nħarġet mill-post, splodiet fis-6.45 am tal-31 ta' Lulju u ħalliet bosta vittmi. Ġrajja li ma tintesiex kienet ir-ritorn ta' l-istatwa ta' Marija Immakulata ta' Bormla u l-kwadru titulari nkurunat. Dawn ittieħdu lura bil-mixi mill-Bażilika Elenjana sa dik Bormliża (1944), ġrajja li l-poplu Bormliż u Karkariż fakkru b'solennita' ħamsin sena wara.

Fi żmien il-gwerra, meta battew l-attakki mill-ajru, kien jintrama suq żgħir kull nhar ta' Ħadd. Niftakru lil Giuseppi Grech (Elija) ibiegħ diversi oġġetti u bejjiegħ ieħor kien ikollu għodod u xi xtieli wkoll. Mingħandu ċertu Pawl Parlar, (wieħed mir-rifuġjati) kien xtara xi xtieli. Meta mar iħawwilhom fil-ġnien tas-Sinjur is-Sur Salv Zammit 273 Triq San Ġiljan, Pawlu laqat bl-imgħażqa termos bomba li kienet anti personel bomb mixħuta mill-għadu u tertqitu.

Tifkira xi ftit umoristika! Fi żmien il-Għid ċertu persuna mlaqqam il-Gedud kien joħroġ bil-qoffa bil-figollitħallas xi ħaġa u biċ-ċippitatu tirbaħ xi figolla minnhom. Għal min jiftakar kienet l-isbaħ xalata għat-tfal li kienu jipprovaw jingannawh, imeruh minħabba numri fejn xulxin taċ-ċippitati li minnhom kien iżomm aktar minn wieħed fil-but tas-sidrija.

### Ġrajja Memorabbli

Ġrajja ta' ferħ kienu jkunu ż-żjajjar minn Prelati tal-Knisja li jiġu jżuru t-tempju Elenjan. Niftakar il-miġja tal-Kardinali, Slypi, Traglia, Pappalardo, Tedeschini u ta' bosta isqfijiet matul iċ-Ċentinarju Pawlin (1960). Ta' min isemmi l-miġja tad-Delegat Apostoliku O'Connor, illum wieħed mill-44 Kardinal li ħatar il-Papa fl-aħħar Konċistoru. Ismu jidher fil-visitor's book tal-Bażilika. Niftakru divesi drabi meta l-Gvernatur Ġenerali, fosthom Sir Maurice Dorman, kien jiġi jżur il-knisja, u jieqaf jara t-tiżjin tat-tempju u tal-pjazza. Ftit ilu il-President attwali, il-Prof. Guido de Marco żar uffiċjalment il-Bażilika. Biex inkunu eżatti dan il-President kellu okkażjonijiet oħra li jkun preżenti bħal akkademji eċċ. Lejlet il-festa t-titulari minn fuq iz-zuntier tal-Knisja wara l-Quddiesa tat-Te Deum, il-banda li jkun imiss, tibda d-daqq tal-marċi brijużi tagħha. Filgħaxija tesegwixxi programm mużikali u l-famuż "Inno di Gloria" miktub minn Raffaele Rici jew il-Kav. Gius Busuttil. Issemma z-zuntier tal-Knisja. Matul il-gwerra niftakar lis-Superjur Gius Schembri, Segretarju tal-Mużew, jagħmel kull nhar ta' ħadd, konferenzi reliġjużi għall-poplu Karkariż. Il-Beatu Dun Ġorġ Preca kien ukoll jiffrekwenta l-Knisja tagħna fi triqtu lejn xi Dar tal-Mużew. Hu jgħaddi mill-pjazza u kulħadd imur ikellmu. Darba minnhom din il-pjazza ġiet magħżula biex fiha jinġibdu xeni minn film. Żejnuha apposta u billi kienet xena ta' funeral, xi bibien ġew miżbugħa apposta b'lewn skur. Bosta nies li ħadu sehem kif ukoll uħud imqanqla mill-kurżita' kienu preżenti.

### Kunċerti

Meta ma kellniex it-televiżjoni u r-rikreazzjoni tal-poplu kienet aktarx limitata għal fonografu u l-kaxxi tad-daqq, il-baned li jkunu jagħtu programmi tagħhom fuq planċier fil-pjazza u jagħtu gost lil kulħadd. Kultant kien ikun hemm xi tombla għal fundraising u mill-gallarija wieħed b'leħen qawwi jgħid liema hu n-numru li tela' Ma neskludix li l-pjazza tagħna setgħet kienet il-post fejn saru l-ewwel konoxxenzi ta' persuni li wara rriżultaw fiż-żwieġ. Bħala post spazjuż u ċentrali, il-politikanti kienu jagħżlu dan il-post biex isemmgħu il-fehmiet tagħhom fost l-applaws tal-partitarji. Bħala tmiem ta' jiem tal-briju tal-Karnival, id-defile' kien jintemm fil-pjazza. L-artist Gianni Vella u l-alliev tiegħu Ganni Fenech kienu jkunu sodisfatti bis-sehem tagħhom, għax ikkommissjonati mill-baned biex jaħdmu maskeruni u karrijiet.

### Tiżjin ta' żmien il-festa

Bħala ċentru, it-tiżjin tal-pjazza tingħatalu mportanza kbira. Fl-1928 kienu saru mill-artist Għawdxi Wistin Camilleri dawk l-istatwi artistiċi tal-Papiet konnessi ma' Sant Elena; il-ħaddiema ta' l-armar kienu responsabbli mill-piramidi. Dan l-aħħar bil-ħidma sfiqa ta' persuni determinati, saru sett ta' bandalori artistiċi ġodda, billi ta' qabilhom għandhom intemmu. Qabel, minflok l-istatwi tal-Papiet Qaddisin Melkijade, Girgor, Ambrog Silvestru, kienu jintramaw dawk is-sitt anġli li llum jitpoġġew f'Main Street. Dawn minħabba nuqqas ta' spazju sakemm inbena l-maħżen ta' Triq Sant'Elena, kienu jintrefgħu għand persuni privati.

### Għeluq

Dawn it-tifkiriet iqajmu ċerta nostalġija għal min jiftakarhom jew kellu xi konnessjoni magħhom. Iż-żmien u ċ-ċirkostanzi jbiddlu kif jitbiddlu wkoll il-bnedmin. Dak li sar qabel mhux kollu ħażin u ta' min ibarrih. L-istorja qiegħda hemm u ħadd ma jista' jħassarha. Iżda meta niktbu u naqraw fuq ġrajja storiċi, barra n-nostalġija li jqajmu fost dawk li jiftakruhom, jinħtieġ li nevalwawhom bil-kriterji ta' meta saru u hekk naraw is-sbuħija, l-utilita' u s-sagrifiċċji li kienu jfissru. Hemm bosta u bosta ġrajjiet li ta' min jikteb u jfittex aktar dwarhom, l-aktar meta llum l-anzjani li jiftakru ġrajjiet żgħożithom ma ssibhomx kif ġieb u laħaq. Jinħtieġ li nqallbu l-gazzetti u kotba ta' l-istorja biex tibqa' ħajja t-tifkira ta' dak kollu li sar u ġara fl-imgħoddi. Dan għandu bosta x'jgħallem.

**Dun Anton Mallia Borg**